**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Jonathan Casha, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 260382(M).**

***Kumpilazzjoni Nru. 408/2014***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Casha u ċioè talli:

Matul il-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' April, 2014, għall-ħabta tas-00:45hrs ġewwa Triq il-Kbira, San Ġużepp, Ħamrun:

1. Dolożament, bil-ħsieb il joqtol, jew li jqiegħed il-ħajja ta' Carmelo Vella u ta' Ryan Fleri f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt billi spara tiri ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tal-istess Carmelo Vella u Ryan Fleri, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;
2. Ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Ryan Fleri kif ukoll ta' Carmelo Vella u ċioè ġrieħi ta' natura ħafifa skont ċertifikat mediku ta' Dr Bassam Shalama LL.D. tal-Isptar Mater Dei, liema offiża ġiet magħmula b'tiri ta' arma tan-nar;
3. Filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari u ma ġabx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-istess arma regulari bi skop leġittimu;
4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u/jew ġlied;
5. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu arma regulari tan-nar ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 ta' Dicembru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2017, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-istess akkuzi kif minnu ammessi.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta, tal-fatt li kif jirrizulta tul iz-zmien l-imputat qatt ma rega' xellef dufrejh mal-gustizzja, u c-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li l-akkuzi ewlenin huma dawk ta' tentattiv ta' offiza gravi u offiza hafifa.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 215, 218, 221, 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 5, 51(2) u 55 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal erba snin.

---

[1] Fol.491

Ai termini tal-artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-arma esebita f'dawn il-proceduri.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tissospendi kull liċenza maħruġa taħt dak l-Att u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenza taħt l-istess Att għal tlett snin millum.

Kif ukoll biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-partijiet lezi Carmelo Vella u Ryan Fleri, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €4,903.91 rapprezentanti spejjez peritali li għandhom jitħallsu fi żmien hames snin reatalment.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**